# Il-Banda San Ġiljan iddoqq fil-festa Parrokkjali ta’ San Ġwann

Manoel Pirotta
manoel.pirotta@um.edu.mt

Astratt: Tista’ tgħid li, ir-raħal ta’ San Ġwann inqata’ minn San Ġiljan f’parroċċa għalih fis-snin Sittin tas-seklu li għadda. Ta’ kull sena, il-festa f’dar-raħal tiġi ċċelebrata fil-ewwel Ħadd tax-xahar ta’ Awissu. L-istatwa ta’ Marija Verġni Immakulata ta’ Lourdes tiġi proċessjonalment akkumpanjata minn pellegrinaġġ *aux flambeaux* u d-daqq ta’ innijiet marjani. Mro. Angelo Pullicino kellu sehem importanti fit-twaqqif tal-ewwel banda f’dan ir-raħal, u li kienet iġġib l-isem ta’ ‘Banda tal-Imsieraħ.’

Kliem muftieħ: Parroċċa San Ġwann, Festa Madonna ta’ Lourdes, Mro. Angelo Pullicino, Banda tal-Imsieraħ, Banda ‘San Ġwann’ San Ġwann, Banda ‘San Ġiljan’ San Ġiljan.

Nhar il-Ħadd 7 ta’ Awwissu 2011, il-Banda San Ġiljan A.D. 1927, taħt id-direzzjoni tas-Surmast Manoel Pirotta, naqqxet paġna żgħira oħra fl-annali tal-istorja reċenti tagħha meta akkumpanjat l-purċissjoni bl-istatwa titulari ta’ Marija Verġni Immakulata ta’ Lourdes, liema festa tiġi ċċelebrata fil-Parroċċa ta’ San Ġwann. Il-purċissjoni, li tmexxiet mill-Gwardjan P. John Vella OFM Kapp., l-ewwel għaddiet mit-toroq ewlenin tar-raħal, u fi triqitha lura, hija ħadet xejra ta’ pellegrinaġġ *aux flambeaux* fejn id-daqq tal-innijiet marjani mill-Banda beda jalterna mar-reċtar tar-rużarju wil-kant ħlejju tal-kor *a cappella* minn fuq lawdspiker. Xħin l-istatwa tal-Madonna waslet fuq iz-zuntier il-Banda San Ġiljan u l-Kor Parrokkjali Madonna ta’ Lourdes ingħaqdu flimkien għall-Innu ta’ Lourdes (dak tradizzjonali) fost ċapċip ferrieħi mill-miġimgħa u xi logħob tan-nar.





Nota Biografika: Meta wieħed isemmi l-Banda San Ġiljan ma jistax iħalli barra l-isem ta’ Angelo Pullicino (1904-79), li minn meta ġiet iffurmata fl-1926 (dak iż-żmien il-Banda tad-*Domus*) sa meta ġie biex jirtira minħabba saħħtu fl-1970, kien is-Surmast tagħha. Matul il-karriera twila tiegħu bħala għalliem imbagħad, ħarġu mijiet ta’ bandisti minn taħt idejh, b’uħud minnhom jilħqu saħansitra surmastrijiet fosthom, Archibald Mizzi, Francis Zammit, Clement Sciberras, Andrew Coleiro, u Alfred Dimech (it-tieni Surmast tal-Banda San Ġiljan). Ta’ età żgħira, Pullicino kien ħareġ idoqq l-ewfonju mal-Għaqda Mużikali ‘Sant’ Elena’ (Tal-Bagri) u mbagħad beda jagħti l-lezzjonijiet lill-istess allievi żgħar karkariżi. Kien ukoll is-solista tal-Banda Ċittadina ‘King’s Own’ tal-Belt Valletta. Għal xi żmien ukoll, kien Surmast tal-Istitut ‘San Ġużepp’ tal-Ħamrun, u tal-Banda ‘Stella Maris’ ta’ Tas-Sliema, kif ukoll Assistent Surmast taż-żewġ baned Qriema – is-Soċjetà Filarmonika Pinto Banda ‘San Sebastjan’, u l-Banda ‘San Ġorġ’. Kien hu wkoll li, intalab biex iwaqqaf il-Banda ‘San Bartilmew’ ġewwa Ħal Għargħur fi tmiem it-Tieni Gwerra Dinjija. Is-Surmast Pullicino jibqa’ magħruf ukoll għall-marċi u innijiet sbieħ li kien jikteb.



Mill-istorja: Ir-rabta ta' Pulliċino mar-raħal ta' San Ġwann nibtet daqs 62 sena ilu, sewwasew nhar id-29 ta' Settembru 1959, meta l-kappillan ta' dak iż-żmien, P. Leopoldu Tabone OFM Kapp. kien avviċina lis-Surmast biex jibda jgħallem il-mużika liż-żgħażagħ tal-lokal fl-ewwel tentattiv biex tifforma ruħha banda ġdida f'San Ġwann. Fir-ritratt, li fih jidher is-Surmast Angelo Pullicino qed jidderieġi l-Banda tal-Imsieraħ (illum San Ġwann), ittieħed waqt programm li kien sar fejn il-kunvent tal-knisja ftit żmien wara t-twaqqif tal-imsemmija banda.

Il-President, is-Sur Michael Farrugia, wil-Kumitat Każin Banda San Ġiljan jixtieq jiżżi ħajr lil Kappillan P. Effie Mallia OFM Kapp., Kumitat Banda San Ġwann, Każin Nazzjonlista ta' San Ġwann u lil dawk kollha li b'xi mod jew ieħor għenu sabiex il-Banda San Ġiljan setgħet tagħti dan is-servizz mużikali f'dan ir-raħal ġirien tagħna.